# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Ottubru, 2001

**Numru 7**

**Appell Nru. 206/93**

**Il-Pulizija (Spettur Neville Xuereb)**

**vs**

**Emanuel Cutajar u Dennis Buhagiar**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-10 ta' Mejju, 1993, liema sentenza taqra kif gej:-

> "Il-Qorti:
>
> Rat il-kumpilazzjoni tal-provi minnha migbura kontra iz-zewg imputati Emanuel Cutajar u Dennis Buhagiar akkuzati talli fit-23 ta' Marzu, 1992, ghall-habta ta' bejn is-2.00a.m. u il-5.00 a.m. flimkien ma' persuna ohra, bil-hsieb li jisirqu somma ta' flus ta' aktar minn Lm1000, wrew dan il-hsieb b'attijiet esterjuri billi sgassaw il-bieb tal-fond li jgib l-isem 'Lily House' Racecourse Street, Marsa, u wara li dahlu fl-istess fond taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom, liema tentattiv ta' serq hu kwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur, hin u lok.

Akkuzati ukoll talli fl-istess data, hin u lok, waqt li kienu qed jikkommettu l-imsemmi delitt, taw diversi daqqiet fuq wicc Nazzarena Camilleri u ikkagunawlha offizi ta' natura gravi skond ma verblament iddikjara it-tabib Jesmond Cassar ta' l-Isptar San Luqa.

Akkuzati ukoll talli mil-imsemmi fond serqu tlett snieter li il-valur taghhom jaccedi il-Lm100 izda anqas min Lm1000, liema serq hu ikkwalifikat bil-vjolenza, mezz, hin, valur u lok.

Akkuzati ukoll talli matul l-ahhar xahrejn qabel it-3 ta' Mejju, 1992, ghamlu hsara volontarja f'wiehed mill-imsemmija snieter billi isserraw il-kanen u ic-chip tieghu u dan ghad-dannu ta' John Camilleri, liema hsara taccedi il-Lm50 izda anqas minn Lm500.

Akkuzati ukoll talli fl-istess zmien garrew u kellhom fil-pussess taghhom l-imsemmija snieter minghajr il-licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Semghet lill-imputati jghidu li ma kienux hatja ta' dawn l-imputazzjonijet.

Rat in-Nota ta' l-Avukat Generali tat-8 ta' Marzu, 1993, fejn haseb li tista' tinstab htija kontra l-imputati skond dak li hemm mahsub:

Fl-Artikoli 41 (1) (a), 261 (a) (b) (c) (e) (f), 262 (1) (a) (b), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270, 274 (b), 277 (b), 278 (1) (2) (3), 20 u 279 (a) (b) tal-Kap 9;

Fl-Artikoli 216 (1) (a) (i) (ii) (iii) (iv) (b) (c) (d) (2) u 217 tal-Kap 9;

Fl-Artikoli 325 u 533 tal-Kap 9;

Fl-Artikoli 2, 3 u 19 tal-Kap 66.

Semghet lill-imputati jghidu li ma kellhomx oggezzjoni li din il-kawza tigi deciza minn din il-Qorti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti inkluzi lill-istess imputati minn jeddhom u bil-gurament.

Rat il-provi kollha li tressqu u d-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mil-provi jirrizulta li fil-lejl tat-23 ta' Marzu, 1992, bejn is-2.00 a.m. u il-5.00 a.m., tlieta minn nies (irgiel) kienu iddecidew li jwettqu delitt mill-aktar fahxi billi tnejn minnhom dahlu fil-fond "Lily House", Racecourse Street, il-Marsa, id-dar residenzjali ta' John u Nazzarena

mizzewgin Camilleri, fil-waqt li it-tielet minnhom baqa jistennihom barra f'karozza, u dan bil-hsieb li minn hemm gewwa jisirqu kemxa flus kontanti stante li wiehed minn dawn il-kriminali kien jaf li l-imsemmija konjugi Camilleri suppost u allegatament kienu ghadhom kif wirtu xi ammont konsiderevoli ta' flus minghad zijuhom, imlaqqam il-'Bush' li kien ghadu kif miet proprju ftit tal-granet qabel dan il-hold-up hekk ippjanat.

Illi fil-fatt iz-zewg malviventi li dahlu fl-imsemmi fond kellhom ukoll xi attrezzi maghhom sabiex isikktu minn xi ghajjat u twerziq lill-vittmi taghhom, bhal per ezempju tape.

Illi il-pjan ta' dan id-delitt kien studjat sew l-ghaliex il-malviventi kienu jafu li f'dik id-dar joqghodu l-imsemmija konjugi Camilleri biss wahedhom, bhal ma kienu jafu li f'xi hin f'dawk is-sieghat bikrin ta' filghodu (circa l-4.00 a.m.) John Camilleri kien johrog mid-dar ghal ftit minuti biex imur jixtri il-hobz u jerga jirritorna. U ghalhekk jirrizulta li huma dahlu f'dak il-fond propju f'dak il-hin li hareg min hemmhekk dan John Camilleri u meta ghalhekk martu Nazzarena kienet ghadha rieqda hemm u wahedha.

Illi fil-fatt jirrizulta li meta dawn iz-zewg malviventi dahlu fil-fond in kwistjoni kif intqal, huma mill-ewwel marru fuq din Nazzarena Camilleri li kienet rieqda fuq is-sodda taghha fil-pjan terran, qabduha, ittejpjawlha halqa biex ma tghajjatx, wiehed beda izommha minn riglejha, u l-iehor kixifha u beda jghatiha daqqiet bil-ponn go rasha u fuq ghajnejha. Jirrizulta li din Nazzarena Camilleri sofriet hafna daqqiet bhal dawn tant li tilfet hafna dmija, b'wiccha u imnehirha minfuhin, tbengiel madwar ghajnejha tal-lemin, demm maghqud f'imnehirha u taht ghajnejha, brix ma' wiccha u ksur fl-ghadma ta' imnehirha u fl-ghadma tax-xellug tal-wicc, tant li dawn il-griehi gew deskritti u ikklassifikati bhala gravi per durata skond ix-xhieda medika fl-Atti.

Illi waqt li din Nazzarena Camilleri bdiet hekk titbiccer bla hniena, wiehed mill-malviventi beda jghidilha "Aghtini il-flus li hallielek il-'Bush'".

Illi f'xi hin wiehed mill-malviventi telgha fuq f'dan il-fond u hemm qalleb f'diversi inhawi biex isib dawn il-flus, u fil-fatt ma instabu l-ebda flus kontanti, ghalkemm fil-fond dak il-hin kien hemm madwar Lm280 li ma intmessux.

Illi minflok flus, il-hallelin spiccaw biex sabu u fil-fatt hadu tlett snieter ta' John Camilleri (Doki PB8, PB9 u PB10) li jiswew cirka Lm600 (sitt mitt lira Maltin).

Illi dan il-hold up dam biss xi ghaxar minuti u cioe' il-hin li ghadda minn meta John Camilleri hareg mid-dar tieghu biex imur jixtri il-hobz u reggha irritorna hemm fejn sab lill-imsemmija martu ma' l-art xi tnax

il-pied il-boghod mis-sodda taghha fejn kien halliha u sabha mitlufha minn sensiha, f'ghadira demm, u b'wiccha imkisser kif deskritt fuq u b'tape ma halqha.

Illi mill-istqarrijiet esebiti taz-zewg imputati kif ukoll mix-xhieda guramentata taghhom, jirrizulta bla ebda ombra ta' dubbju li huma kienu tnejn minn dawk it-tlett malviventi li kienu ftehmu u wettqu dan id-delitt, kif ukoll ir-reat ta' hsarat volontarji konsistenti fl-isgass tal-bieb ta' barra u meta xi hadd minnhom kien isserra wiehed mis-snieter misruqa billi isserralu il-kannen u ic-chip, ghad-dannu ta' John Camilleri.

Illi kemm fix-xhieda taghhom, kif ukoll fl-istqarrijiet taghhom, dawn iz-zewg imputati jeskludu li dahlu fl-imsemmi fond u li sawtu lill-Nazzarena Camilleri. L-imputat Buhagiar jghid li hu baqa barra fil-karozza jistenna lill-ohrajn, fil-waqt li l-imputat Cutajar jghid li hu baqa barra fil-karozza u li fil-fond dahlu l-imputati Buhagiar u certu Anglu Galea. Jigi rilevat li skond Nazzarena Camilleri, mit-tnejn li aggredewha, wiehed kellu wiccu mghammad u l-iehor le u iddeskriviet lil dan ta' l-ahhar bhala ragel piuttost imbaccac u ta' xi 47 sena. Jigi notat ghalhekk hawn li din id-deskrizzjoni taqbel perfettament mal-figura ta' l-imputat Cutajar li huwa fil-fatt xi ftit mibrum u ghandu xi 46 sena, filwaqt li l-imputat l-iehor Buhagiar, fiz-zmien tad-delitt, kien ghadu guvni ta' xi 24 sena u huwa piuttost irqajjaq. Anke l-imsemmi Anglu Galea jirrizulta li fiz-zmien tar-reat kien ghad ghandu 21 sena skond ic-certifikat tal-mewt tieghu esebit fl-Atti a fol 121. u allura il-verzjoni moghtija mil-imputat Emanuel Cutajar li huwa baqa barra u li ma dahalx fil-fond xejn ma hi wahda verosimili u kredibbli l-ghaliex id-differenza fl-eta' taz-zewg persuni li dahlu fil-fond kienet wahda li tispikka u ghalhekk ferma facli il tigi notata. Ghalhekk il-Qorti hija konvinta li it-tnejn li dahlu fil-fond kienu l-imputat Emanuel Cutajar u l-imsemmi Anglu Galea.

Dwar dan Anglu Galea jigi rilevat, li waqt l-istharrig tal-Pulizija fuq dan il-kaz, huwa f'xi hin kien instab mejjet fid-Dwejra, limiti tar-Rabat (Malta) fit-2 ta' Mejju, 1992, imghallaq, probabbilment suicidju, u ghalhekk ma lahaqx gie akkuzat f'din il-kawza flimkien maz-zewg imputati l-ohra odjerni u ghalhekk giet esebita biss l-istqarrija tieghu (Fol 34 et).

Illi l-Avukati difensuri taz-zewg imputati sostnew li l-imputati ma jistghux jinstabu hatja fuq l-akkuza ta' attentat ta' serq a termini tal-Artikolu 41 (1) (a) tal-Kap 9, kif dedotta kontra l-imputati fin-Nota tal-A.G. tat-8 ta' Marzu, 1993, jekk tirrizulta l-akkuza ta' serq komplut bil-kwalifiki indikati fl-istess Nota.

Illi fuq din, mill-ezami tal-fatti, il-Qorti tara li fil-fatt il-pjan ta' serq kif imhejji mit-tlett malviventi, u cioe' li jidhlu fid-dar residenzjali tal-konjugi Camilleri fil-hin imsemmi qabel tlugh ix-xemx u proprju ghal dawk il-ftit minuti li jkun allontana ruhu min hemm John Camilleri biex

jixtri, u jergghu johorgu min dan il-pjan kien twettaq u gie kompletat. Huwa veru li l-intenzjoni originali taghhom kienet li jisirqu flus, u lil Nazzarena Camilleri talbuha ghal dawn waqt li kienu qed isawtuha, izda peress li flus ma sabux u kien sar il-hin biex jitilqu biex ma isibhomx hemmhekk John Camilleri, minflok flus huma sabu u serqu tlett snieter.

Ghalhekk hawn si tratta ta' delitt ta' serq konsumat aggravat bil-kwalifiki ta' lok, hin, mezz, vjolenza u valur a termini tal-Artikoli 261 (a) (b) (c) (e) (f), 262 (1) (a) (b), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270 tal-Kap 9, u allura mhux kaz ta' attentat ta' serq.

Illi hawn il-Qorti tinnota li hija haga ferm stramba kif l-A.G. fin-Nota tieghu tat-8 ta' Marzu, 1993, ma akkuzax lill-imputati b'komplicita' ukoll skond l-Artikolu 42 (d) (e) tal-Kap 9, u ghalhekk f'dan in-nuqqas il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' dan ir-reat ukoll. Dan huwa importanti stante li allura il-Qorti trid tara jekk hux iz-zewg imputati huma responsabbli ghall-feriti gravi li garrbet Nazzarena Camilleri, kif akkuzati, jew xi wiehed minnhom biss. U ghalhekk il-Qorti tara ir-rilevanza u ir-raguni l-ghaliex iz-zewg imputati xehdu li baqghu barra u li hadd minnhom ma sawwat lil din Nazzarena Camilleri. Kienet tkun haga differenti kienu kien hemm l-akkuza tal-komplicita', u allura ir-responsabbilta` tat-tnejn bhala awtur u komplici. Dan japplika ukoll ghall-hsarat volontarji kagunati kemm fil-bieb ta' barra kif ukoll fis-senter isserrat, liema hsara taqbez il-Lm 50 izda hija inqas min Lm500.

Kif gia inghad qabel minn dak li xehdet Nazzarena Camilleri, xejn ma huwa kredibbli u verosimili li l-imputat Cutajar baqa barra u dahlu fil-fond l-imputat Buhagiar u Anglu Galea, li fiz-zmien tad-delitt kellhom 24 u 20 sena rispettivament. Camilleri iddeskriviet l-aggressur taghha bhala ragel ta' xi 47 sena, propju l-eta' ta' Cutajar. Dan ghalhekk iwaqqa ghal kollox dak li qal Cutajar li huwa baqa barra fil-vettura u ma sawwatx lil Camilleri. Minn naha l-ohra ghalhekk il-Qorti temmen il-verzjoni ta' l-imputat Buhagiar li kien hu biss li baqa barra jistenna fil-vettura u la sgassa il-bieb u lanqas ma kien jaf x'kien qed isir gewwa. L-intenzjoni tieghu kienet biss li ssir is-serqa tal-flus kif ippjanat/ u la darba m'hemmx l-akkuza tal-komplicita', Buhagiar ma jistghax jinstab hati li ikkaguna feriti gravi lill-Nazzarena Camilleri u fuq il-hsarat. Anke fuq il-hsara li wiehed mis-snieter misruqa, jirrizulta li dan baqa dejjem fil-pussess tal-imputat Cutajar u li kien huwa li kien isseralu il-kanen u ic-chip u wara bieghu lil terzi bil-prezz ta' Lm80.

Dwar l-ahhar akkuza li l-imputati garrew u kellhom fil-pussess taghhom dawn is-snieter bla licenzja mill-Kumissarju tal-Puluzija din tirrizulta ipprovata mix-xhieda tal-P.S. 1350 J. Borda (fol 59).

Fl-ahhar nett, il-Qorti taghmel riferenza hawn ghal dik il-parti tax-xhieda ta' Nazzarena Camilleri (Fol 62 u 63) fejn wara li qalet li dak li kellu wiccu mikxuf ma kellux aktar minn 47 sena, qalet ukoll li kienet

din il-persuna li bdiet taghtija fuq wiccha, ghajnejha u rasha, u cioe' allura, dan huwa l-imputat Cutajar ghar-ragunijiet fuq spjegati u li allura tirrizulta fil-konfront tieghu l-akkuza skond l-Artikolu 216 (1) u 247 (b) tal-Kap 9.

Ghar-ragunijiet fuq premessi, u wara li il-Qorti rat l-Artikoli kollha indikati mill-A.G. fin-Nota tieghu tat-8 ta' Marzu, 1993, ser tiddeciedi bil-mod li gej:

A. Fil-konfront taz-zewg imputati f'daqqa ma tirrizultax l-ewwel akkuza, dik ta' attentat ta' serq aggravat skond l-Artikolu 41 (1) (a) tal-Kap 9, ma issibhomx hatja ta' din l-akkuza u ghalhekk qed tilliberahom minnha.

B. Fil-konfront tal-imputat Dennis Buhagiar. Tirrizulta l-akkuza ta' serq aggravat bil-hin, lok, mezz,valur u vjolenza Artikoli 261 (a) (b) (c) (e) (f), 262 (1) (b), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270 tal-Kap 9), kif ukoll tirrizulta l-akkuza taht l-Artikoli 2, 3 u 19 tal-Kap 66, u ghalhekk issibu hati ta' dawn l-imputazjonijiet. Ma jirrizultawx fil-konfront ta' l-istess imputat l-akkuza ta' serq kwalifikat bla aggravji a termini tal-Artikoli 216 u 217 tal-Kap 9, (b'riferenza ghall-akkuza tal-ferita gravi), u ukoll l-imputazzjoni taht l-Artikolu 325 tal-Kap 9 (hsarat volontarji) u ghalhekk ma issibux hati ta' dawn l-imputazzjonijiet u qed tilliberah minnhom.

C. Fil-konfront ta' l-imputat Emanuel Cutajar. Hawn jirrizultaw kontra dan l-imputat l-imputazzjonijiet kollha indikati mill-A.G. fin-Nota tieghu tat-8 ta' Marzu, 1993, bl-eccezzjoni ta' l-ewwel imputazzjoni taht l-Artikolu 41 (1) (a) tal-Kap 9 kif gja intqal.

Dwar il-piena li il-Qorti thoss li hija il-wahda adegwata f'dan il-kaz, hi rat il-fedina penali taz-zewg imputati. Dik ta' Buhagiar hija wahda kompletament nadifa, filwaqt li dik ta' Cutajar ghandha biss kundanna wahda ghall-reat ta' kontravenzjoni tat-traffiku fil-1971. Il-Qorti qieset ukoll il-gravita' tar-reati in kwistjoni, u cioe' dik tas-serq brutali kif deskritt bil-konsegwenzi ta' dan l-agir illegali u barbaru, u fl-istess hin ferm godard l-ghaliex twettaq fuq mara ta' 46 sena, wahedha, rieqda, ghall-habta tal-4a.m., fejn din f'daqqa wahda sabet lilha innifisha aggredita u imsawwta b'dak il-mod u issofri ksur ta' ghadam f'imnehirha u f'wiccha, vittma li, ftit jew xejn f'dawn ic-cirkostanzi, ma setghetx toffri xi forma ta' rezistenza kontra dawn l-aggessuri taghha. Il-Qorti qieset ukoll il-fatt li l-imputat Buhagiar issa ilu mizzewweg xi erba xhur u martu qed tistenna l-ewwel tarbija taghhom, u l-fatt li l-imputat Cutajar gja ilu madwar seba' xhur taht arrest preventiv, u ghalhekk sejra tiddeciedi dwar il-piena b'dan il-mod li gej.

A. Fil-konfront ta' l-imputat Dennis Buhagiar. Mehudha in konsiderazzjoni l-imputazzjonijiet li l-Qorti sabet lil dan l-imputat hati, li huma ta' natura ferm anqas minn dawk li sabet hati taghhom lill-imputat l-iehor, kif spjegat aktar qabel, u stante li ghal ragunijiet gja

indikati jidhrilha li hawn jezistu ragunijiet bizzejjed gustifikabbli biex il-Qorti taghti lil dan l-imputat zghazugh l-opportunita li jirriforma ruhu, kif fil-fatt gia irrizulta li huwa qieghed fit-triq it-tajba, u ghalhekk bl-applikazzjoni ta' l-Artikoli 21 u 28 (A) (1) tal-Kap 9 tiddeciedi billi tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghall-perjodu ta' erba snin kemm-il darba dan l-imputat f'dan il-perjodu ma jikkommettix xi reat iehor li jkun suggett ghal piena karcerarja. Din il-kundanna tirreferi ghall-imputazzjoni ta' serq aggravat kif misjub hati. Fuq l-imputazzjoni l-ohra misjub hati taht l-Artikoli 2, 3 u 19 tal-Kap 66, tikkundannah Lm200 multa.

Fil-kaz ta' l-imputat Emanuel Cutajar, il-Qorti hawnhekk ma tista' issib xejn biex tiggustifika li dan l-imputat jigi moghti l-istess trattament bhal l-imputat l-iehor. Jidher li huwa kien l-akbar wiehed fl-eta' fost it-tlett malviventi, u allura bl-eta li kellu li kienet bizzejjed biex jigi missierhom, kellu suppost maturita` bizzejjed biex jiddezisti minn dak li fil-fatt ghamel. Jidher li anzi huwa kien il-mohh u istigatur wara dan il-hold-up daqshekk ikrah. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, il-Qorti tara li il-piena adegwata fil-fatt ghandha tkun biss dik karcerarja, u ghalhekk qed tikkundanna ill dan l-imputat Emanuel Cutajar hames (5) snin prigunerija, bit-tnaqqis ta' kull zmien li huwa kien that arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, kif ukoll Lm200 multa fuq l-akkuza taht l-Aritkoli 2,3 u 19 tal-Kap 66.

Fl-ahharnett, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap 9, tikkundanna liz-zewg imputati sabiex ihallsu f'porzjonijiet ta' nofs kull wiehed l-ispejjez peritali kollha konnessi ma' dan il-kaz fi zmien xahar minn meta jigu hekk mitluba mir-Registratur tal-Qorti".

Minn dik is-sentenza appella Emanuel Cutajar biss permezz ta' rikors ta' l-appell li gie ipprezentat fit-18 ta' Mejju, 1993, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ma sabitux hati, tikkonfermaha dwar il-kompartecipazzjoni fis-serq aggravat, izda tirrevokaha dwar l-aggravanti tal-vjolenza fizika u tal-ferita gravi, u danneggjament volontarju, u konsegwentement tirriformaha dwar il-piena.

Din il-Qorti sejra tikkonsidra wiehed wiehed id-diversi aggravji kif jirrelataw mat-talba ta' l-appellant kif giet spjegata supra.

Fir-rigward l-akkuza tad-danneggjament volontarju li dwaru instab hati mill-ewwel Qorti, l-appellant jissottometti li dan mhux konfigurabbli fis-sitwazzjoni tal-fatti tal-kaz prezenti. Id-danneggjament volontarju, jissottometti l-appellant, huwa reat li fih hemm l-intenzjoni specifika li wiehed jgharraq hwejjeg haddiehor apposta, u meta jitwettaq dan, ikun gie kkunsmat ir-rejat. Fatti ta' hsara, bhal ma hu zgass, jistghu ikun aggravanti tas-serq, imma mhux reat per se. Id-danneggjament li jsir fuq il-haga misruq mhux legalment koncepibbli. Il-halliel jiehu l-oggett biex jispussessa lill-proprjetarju. Jiehu l-haga kollha kemm hi. Il-hsara patrimonjali li jaghmel lis-sid hija t-totalita' tal-

haga. Il-hsara volontarja li tolqot parti mill-haga, tista' tigi riparata, u l-oggett jibqa' disponibbli ghas-sid.

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan l-aggravju. Jista' jaghti l-kaz, u hafna drabi hekk hu, illi d-dannu volontarju, specjalment jekk ikun jikkonsisti fi zgass, ikun serva bhala mezz ghall-fini, u allura ghandek il-kuncett ta' assorbiment ghal dik li hija piena, pero', m'hemm assolutament ebda bazi legali li fuqha din il-Qorti tista' taqbel mas-sottomissjoni ta' l-appellant illi d-dannu volontarju li jsir fi proprjeta' fil-kors tas-serq, per ezempju d-dannu rizultanti mill-izgass fih innifsu, ma jiffigurax bhala reat distint u indipendenti minn dak tas-serq. Effettivament huwa reat distint u indipendenti minn dak tas-serq, anke jekk, kif inghad, jista' jservi ta' mezz ghall-fini, u f'dan il-kaz partikolari jizdied illi ma tifhimx din il-Qorti kif persuna li volontarjament trid tizgassa bieb u tizgassah bir-rizultat li tikkawzalu dannu fih, imbaghad tippretendi li hija nieqsa l-intenzjoni specifika tad-danneggjament. Dana semplicement m'huwiex accettabbli fil-fehma ta' din il-Qorti.

L-appellant imbaghad ghandu aggravju iehor rigwardanti s-sejbien ta' htija dwar il-ferita gravi u l-aggravanti taht l-art. 262 (1) (a) u 274 (b) tal-Kap 9. Huwa jissottometti li huwa dejjem sostna li kien baqa' barra, zamm il-karozza f'certa distanza u li lanqas kienet quddiem il-bieb tal-post in kwistjoni. Fir-rigward huwa jissottometti li Nazzarena Camilleri, il-vittma, rat zewg persuni, wiehed wiccu mghammad u l-iehor le. Dak li ma kellux wiccu mghammad kellu xi 46 sena u kien ftit mibrum. Li jirrizulta car hawnhekk huwa li Nazzarena Camilleri kellha l-opportunita' kollha li tara l-wicc tal-bniedem li kien qed jaggrediha. Jekk kellha tali opportunita', jissottometti l-appellant, allura kienet ukoll f'posizzjoni li tidentifikah ghaliex wiccu ma kienx mghammad. Kienet tinduna malajr, per ezempju, li kellu d-daqna. Fl-awla kienet tidentifikah, u jekk wiehed jghid li kienet agitata u setghet zbaljat, allura daqstant iehor setghet zbaljat fuq id-deskrizzjoni.

Dejjem fl-istess kuntest, l-appellant jissottometti wkoll li l-Ewwel Qorti, mid-deskrizzjoni, bdiet biex tasal ghall-identita' bl-eskluzzjoni ta' haddiehor. Qalet li Dennis Buhagiar ma setghax kien hu minhabba l-eta. L-imputat, fl-istqarrija tieghu jghid li kienu Anglu u Dennis li dahlu fil-fond biex isuqu. Mela jekk ma kienx Dennis Buhagiar, alllura bilfors li kien Anglu Galea u l-appellanti. Skond il-bixra ta' l-eta', l-ewwel Qorti qaghdet fuq ic-certifikat tat-twelid, inkluz dak tal-mejjet Galea, biex waslet ghal-logika taghha, li pero' l-appellant jikkontesta. Huwa jissottometti fir-rigward li jekk wiehed jezamina l-prova mill-aspett legali isib li ma hemm l-ebda prova legali li l-esponenti dahal fil-fond. Jekk wiehed jaghmel uzu mill-istatement tal-ko-imputat, jew xhieda ta' ko-imputat, allura jista' jghid li hemm prova. Imma din mhux legali. Nazzarena Camilleri ma tghidx li Emanuel Cutajar dahal. Ma hemm l-ebda prova ohra, indizzjarja ghall-inqas, li taghti bidu ta' prova. Il-fatt li wiehed jaqbel li jigi kommess serq, ma jfissirx li ppartecipa wkoll fis-swat.

Fil-verita' din il-Qorti trid tammetti li dehrilha li kienet tirrikjedi zmien biex tahseb sew fuq dan il-kaz ghaliex bhala fatti pprospettalha certi diffikultajiet b'mod li dahhlulha certi dubbji f'mohhha, u dana kien certament fattur importanti ghaliha x'tikkonsidra tenut kont ta' l-irwol taghha ta' Qorti ta'

Revizjoni li strettament ma jhallihiex fil-liberta' li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik ta' l-ewwel Qorti jekk m'hemm xejn manifestament zbaljat fid-diskrezzjoni kif ezercitata mill-Qorti tal-prim'istanza.

Essenzjalment din il-Qorti, meta ghasret il-provi, ssib li l-provi rilevanti huma tlieta:-

1. Ix-xhieda ta' Nazzarena Camilleri li wiehed forsi jista' jghid tat deskrizzjoni ta' min aggrediha, pero' fl-Awla, mistoqsija direttament, ma setghetx taghraf lill-imputat jew almenu lil xi wiehed mill-imputati li kellha quddiemha;

2. L-istqarrija ta' l-appellant Cutajar li huwa ghamel lill-pulizija fil-kors ta' l-investigazzjonijiet fejn huwa jammetti l-partecipazzjoni tieghu fis-serqa, pero' jghid li kienu z-zewg persuni l-ohra, cioe' Dennis Buhagiar u Angelo Galea li dahlu fil-post u hu baqa' dejjem fil-karozza.

3. Hemm ukoll l-istqarrijiet taz-zewg kompartecipi ohra fid-delitt de quo cioe' ta' Dennis Buhagiar u Angelo Galea. Fuq l-istqarrijiet ta' dawn iz-zewg persuni jinghad iktar 'il quddiem.

Effettivament din il-Qorti ser tibda proprju bl-istqarrijiet ta' dawn iz-zewg persuni. Jinghad mill-ewwel li Angelo Galea lahaq miet fil-mori tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti u fil-fatt ma xehed qatt. Fi kwalunkwe kaz, certament kien kompartecipi fid-delitt, allura komplici, u ghamel stqarrija illi biha jinvolvi direttament lill-appellant bhala l-awtur tas-swat fil-kors tas-serqa.

Prima facie din il-Qorti kellha tendenza illi temmen dak li stqarr Angelo Galea fid-deposizzjoni tieghu. Pero', aktar ma qrat l-istess stqarrija u aktar kemm ghadda zmien, iktar ikkonviciet ruhha li kien il-kaz li thares lejn dik l-istqarrija b'certa cirkospezzjoni ghaliex hemm hafna x'jikkonvinciha li Angelo Galea seta' ma kienx qieghed il-verita. Effettivament din il-Qorti thoss li ghandha dubbju dwar il-veracita' fuq dak li stqarr Angelo Galea, anke ghaliex jimminimizza l-irwol tieghu kemm jista' u specjalment per ezempju fuq l-aspett ta' l-armi jaghti verzjoni li din il-Qorti semplicement ma thossx li tista' temminaha.

Fir-rigward ta' l-istqarrija ta' Buhagiar dina certament fi kwalunkwe kaz ma tistax taghmel stat fil-konfront ta' l-appellant l-iehor ghax kienu ko-imputati flimkien.

Kwantu jirrigwarda l-istqarrija ta' l-appellant Cutajar, kif inghad dana jammetti li mar bhala wiehed mit-tlieta biex jisirqu pero' li hu qatt ma dahal fid-dar u baqa' barra.

Essenzjalment ghalhekk tibqa' biss ix-xhieda ta' Nazzarena Camilleri.

Nazzarena Camilleri m'ghandhiex dubbju li dahlu fuqha tnejn min-nies, wiehed b'wiccu mghammad u l-iehor le. Dan diga' jpoggi in dubbju serju dak li stqarr Angelo Galea fl-istqarrijiet tieghu peress li dana dejjem pratikament

sostna li ghalkemm dahal fid-dar ma kienx prezenti fil-kamra waqt illi kien qed isir is-swat. Hija tghid “tnejn gew fuqi filwaqt li wiehed kixifni. Wiehed beda jzommni minn riglejja. Filwaqt li wiehed zammni minn riglejja l-iehor li kixifni u beda jaghtini bil-ponn go rasi u f’ghajnejja”. Tkompli mbaghad taghti aktar dettalji ta’ effettivament x’gara. Imbaghad nigu ghall-parti l-iktar fondamentali u cioe’ ta’ l-identifikazzjoni. Fix-xhieda taghha kif traskritta, a fol. 62 tal-process, hemm imnizzel kif gej:- “L-ufficjal prosekutur qed jistaqsini jekk naghrafx lil dak li kellu wiccu mikxuf. Jiena nghid li dan ma nistax naghmlu peress li hu tani l-genb tieghu mill-ewwel u ma stajtx naralu wiccu sew. Dan hu l-istess wiehed li beda jaghtini fuq ghajnejja u naghsi u jkompli jaghtini, cioe’ dak li kellu wiccu mikxuf. Mill-posizzjoni li beda jzommni u kif beda jaghtini d-daqqiet, jien ma stajtx naghraflu wiccu. Fuq domanda li qed taghmilli l-Qorti nghid li din il-persuna li kellha wiccha mikxuf ma kellux aktar minn 47 sena. Ma nistax naghti aktar deskrizzjoni ta’ din il-persuna, u dan kif diga’ ghidt, ghaliex mill-ewwel beda jaghtini fuq wicci, fuq ghajnejja u fuq naghsi”.

L-unika haga ohra li tghid kien illi dak li kellu wiccu mghammad u zammilha riglejha kien persuna pjuttost qasir, cioe’ iqsar mill-iehor li beda jsawwatha. Ukoll li l-persuna li bdiet taghtiha fuq wiccha, ghalkemm kien itwal, kien ukoll persuna daqxejn imbacca.

Din il-Qorti, sincerament, f’cirkostanzi bhal dawn, cioe’ fejn ix-xhud illi fl-istess nifs tghid illi ma setghetx taralu wiccu, u fl-Awla ma setghetx taghraf min kien l-aggressur taghha, pero’ taghti pratikament l-eta’ ezatta ta’ l-akkuzat, illum appellant, igeghlha thares lejn dik il-parti tax-xhieda b’certa cirkospezzjoni anke ghaliex thossha ben certa illi m’hemmx raguni ghala ghandha tiddubita li Nazzarena Camilleri kienet taf ezattament l-etajiet taz-zewg imputati.

Fuq dan din il-Qorti tammetti li damet tahseb anke ghaliex rejati bhal dan in dizamina jirritawha, bhal ma jirritaw il-qalb u r-ruh tas-socjeta’ specjalment meta jissawwtu persuni ta’ eta’ avvanzata fil-kors ta’ serq. Pero’, mill-banda l-ohra ma tarax li tista’ serenament tikkundanna lil xi hadd, ghal aktar minn dak illi effettivament thossha moralment konvinta li jkun responsabbli ghalih. Il-ko-incidenza ta’ kemm effettivament kellu eta’ dak iz-zmien l-appellant ma’ l-eta’ li tat il-vittma li tikkonfessa li qatt ma rat wiccu ghax ma setghetx tarah, igieghel lil din il-Qorti li tkun gwardinga u thares lejn dik il-parti mid-deposizzjoni ta’ Nazzarena Camilleri b’certa cirkospezzjoni u dubbju.

Il-konkluzzjoni li ghalhekk tasal ghaliha din il-Qorti hija li ma thosshiex serena jekk hija tikkonferma s-sentenza appellanta inkwantu sabet lill-appellant hati talli kkawza l-feriti gravi u ta’ l-aggravanti tas-serq taht l-art. 262 (1) (a) u 273 (b) tal-Kap 9. Pero’ certament huwa hati tal-kumplament ta’ l-att ta’ l-akkuzi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddisponi mill-appell kif gej u cioe’ billi tirrevoka s-sentenza appellata inkwantu sabitu hati li kkaguna offizi ta’ natura gravi fuq Nazzarena Camilleri, u dan peress li l-akkuza ma tirrizultax sufficjentement, u tirrevoka wkoll is-sentenza appellata inkwantu sabitu hati ta’ serq aggravat bil-vjolenza fit-termini ta’ l-art. 262 (1) (a) u 274 (b) tal-Kap 9, u dan peress li din il-Qorti mhix sodisfatta li hemm provi konkluzivi li kien wiehed minn dawk il-

hallelin li dahlu gewwa, u tikkonferma l-kumplament tas-sentenza hlief ghal dik li hija piena, li s'intendi issa trid tigi riformata. Konsegwentement qeghda tirriforma s-sentenza appellata ghal dik li hija piena billi tirriduci l-piena tal-prigunerija minn dik ta' hames snin ghal sentejn li, bhal fil-kaz ta' l-imputat l-iehor Dennis Buhagiar, qeghda tigi sospiza fit-termini ta' l-art. 28 (A) tal-Kodici Kriminali ghall-perjodu ta' erba' snin mil-lum, kemm il-darba l-appellant f'dan il-perjodu ma jikkommettix rejat iehor li jkun suggett ghal piena karcerarja. Anke fil-kaz ta' dan l-appellant din il-kundanna tirreferi ghall-imputazzjoni tas-serq aggravat kif issa misjub hati tieghu. Fuq il-kundanna l-ohra tal-multa jibqa' kollox kif inhu, kif ukoll ghall-applikazzjoni ta' dak li hemm previst fl-art. 533 tal-Kap 9.

Aldo Testone
Dep/Reg